

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni għat-tisħiħ tal-kwalità fl-edukazzjoni ogħla u l-promozzjoni ta' fehim interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (Erasmus Mundus) (2009-2013)

COM(2007) 395 finali

(2008/C 204/18)

Nhar l-10 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni għat-tisħiħ tal-kwalità fl-edukazzjoni ogħla u l-promozzjoni ta' fehim interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (Erasmus Mundus) (2009-2013)

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-21 ta' Frar 2008. Ir-rapporteur kien **is-Sur Rodríguez García-Caro**.

Matul l-443 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet nhar it-12 u t-13 ta' Marzu 2008 (seduta tat-12 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'125 vot favur, l-ebda vot kontra u 2 astensjonijiet.

1. Sommarju u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jilqa' l-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni għat-tisħiħ tal-kwalità fl-edukazzjoni ogħla u l-promozzjoni ta' fehim interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (Erasmus Mundus) (2009-2013), li jestendi u jtejjeb il-programm ta' azzjoni Erasmus Mundus attwali, li l-KESE ukoll laqa' fi żmien.

1.2 Fil-fehma tal-Kumitat, il-mira li l-universitajiet Ewropej jsiru ċentri ta' eċċellenza li jiġbdu studenti minn madwar id-dinja hija ta' importanza kbira u għandha tgħin biex turi l-kwalità għolja ta' l-edukazzjoni ogħla u r-riċerka fl-Ewropa. Madankollu, il-KESE jixtieq jesprimi l-fehma tiegħu li l-programm m'għandux jikkontribwixxi għal telf ta' l-aħjar imħuħ (*brain drain*) mill-pajjiżi terzi. Għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistudja, b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet u l-universitajiet tal-pajjiżi terzi, strateġiji biex tħeġġeġ lill-istudenti u l-letturi jieħdu vantaġġ ta' dak li għandu x'joffri l-Erasmus Mundus, u wara jmorru lura lejn il-pajjiżi ta' orijini tagħhom biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli hemmhekk. Il-Kumitat jixtieq jenfasizza li, biex jintlaħaq dan l-għan, il-politiki ta' kooperazzjoni ta' l-UE għall-iżvilupp għandhom ikunu marbutin sew ma' programmi bħal m'hu l-Erasmus Mundus.

1.3 Il-KESE jinnota l-kontribut li l-programm il-ġdid ta' azzjoni ser jagħti biex tiżdied il-mobilità tal-letturi billi jalloka 40 % tal-boroż ta' studju pjanati kollha lill-għalliema, meta mqabbel mas-16.6 % taħt il-programm attwali li għadu fis-seħħ. Skambji bħal dawn għandhom jitqiesu bħala sors ta' arrikkiment mhux biss xjentifiku iżda wkoll kulturali u edukattiv. Għal dan il-għan, il-Kumitat jixtieq isostni li l-mobilità tal-letturi u l-istudenti m'għandhiex tibqa' responsabbiltà individwali — kif inhi f'ħafna każi illum — u għandha ssir dejjem aktar waħda istituzzjonali.

1.4 Il-Kumitat iħeġġeġ l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw li ostakli li ġejjin mil-legislażzjoni nazzjonali li jaffetwaw il-

mobilità tal-letturi u l-istudenti, kemm f'dak li hu aċċess għall-Istati Membri differenti ta' l-UE kif ukoll fir-rikonossiment u l-validazzjoni tal-kwalifiki miksuba, jiġu eliminati kemm jista' jkun malajr u bl-aktar mod effettiv, sabiex l-ebda wieħed minn dawk li jixtiequ jieħdu sehem fil-programm ma jkun imfikkell jew skoraġġut milli jistudja jew jgħallew barra.

1.5 Il-KESE jaħseb li l-proċeduri ta' l-għażla għandhom iqisu miżuri ta' kumpens fil-livell ta' l-UE biex jevitaw żbilanċi serji bejn l-oqsma ta' studju ta' l-istudenti u l-akkademiċi u bejn ir-reġjuni ta' orijini u l-Istati Membri fejn l-istudenti jew il-letturi jkun sejrini. Il-Kumitat b'hekk japprova l-kliem kif jinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (KE) Nru 2317/2003, li tistabbilixxi l-Programm Erasmus Mundus, u jirakkomanda li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ukoll jinkludu dan fil-proposta kkunsidrata attwalment.

2. Id-deċiżjoni proposta:

2.1 L-għan ġenerali tad-deċiżjoni hija li tejjeb il-kwalità ta' l-edukazzjoni ogħla Ewropea, biex tippromwovi d-djalogu u l-ftehim bejn soċjetajiet u kulturi differenti permezz ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi, u li tippromwovi l-oġġettivi tal-politika esterna ta' l-UE u tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi terzi fil-qasam ta' l-edukazzjoni ogħla. Il-programm ikopri l-perijodu ta' ħames snin bejn l-2009 u l-2013.

2.2 L-għanijiet speċifiċi tad-deċiżjoni proposta huma kif ġej:

- li trawwem kooperazzjoni strutturata bejn l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni ogħla u l-persunal akkademiku fl-Ewropa u l-pajjiżi terzi [...];
- li tagħti sehem fl-arrikkiment reċiproku tas-soċjetajiet [...] billi tippromwovi l-mobilità għall-istudenti u l-akkademiċi minn pajjiżi terzi li l-aktar li għandhom talent biex jiksbu kwalifiki u/jew esperjenza fl-Unjoni Ewropea u għall-istudenti u l-akkademiċi Ewropej bl-akbar ħilet lejn pajjiżi terzi;

- c) li tagħti sehemha fl-iżvilupp tar-riżorsi umani u l-kapaċità ta' kooperazzjoni internazzjonali ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla fil-pajjiżi terzi [...];
- d) li żżid l-aċċessibilità u ttejjeb il-profil u l-viżibbiltà ta' l-edukazzjoni ogħla Ewropea fid-dinja kif ukoll kemm din tidher attraenti għal nies minn pajjiżi terzi.

2.3 Din l-inizjattiva għandha tiġi implimentata permezz tal-miżuri li ġejjin:

- Programmi konġunti Erasmus Mundus ta' masters u ta' dottorati [...];
- sħubijiet bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla Ewropej u dawk f'pajjiżi terzi [...];
- miżuri li bihom l-Ewropa tidher aktar attraenti bħala destinazzjoni edukattiva [...];
- appoġġ għall-iżvilupp ta' programmi edukattivi konġunti u networks ta' kooperazzjoni li jiffaċilitaw l-iskambju ta' esperjenza u Prattika tajba;
- appoġġ aħjar għall-mobilità, bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi, ta' nies fil-qasam ta' l-edukazzjoni ogħla;
- promozzjoni tal-ħiliet lingwistiċi, preferibbilment l-istudenti jingħataw il-possibbiltà li jitgħallmu għall-inqas tnejn mil-lingwi mitkellma fid-diversi pajjiżi fejn jinsabu l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla [...];
- appoġġ għall-proġetti pilota bbażati fuq sħubijiet ma' dimensjoni esterna mfassla biex tiżviluppa l-innovazzjoni u l-kwalità fl-edukazzjoni ogħla;
- appoġġ għall-istudju u s-segwitu ta' tendenzi u l-evoluzzjoni ta' l-edukazzjoni ogħla f'perspettiva internazzjonali.

2.4 Dan il-programm għandu l-għan li jsewgi l-attivitatiet ta' l-ewwel fażi (2004-2008) ⁽¹⁾, imma jimmira li jkun aktar ambizzjuż billi jinkorpora b'mod aktar dirett it-Tieqa ta' Kooperazzjoni Esterna, u b'hekk jestendi l-iskop tagħha għal-livelli kollha ta' l-edukazzjoni ogħla, itejjeb l-opportunitajiet ta' studenti Ewropej li jiskbu fondi u joffri possibilitajiet aħjar għall-kooperazzjoni ma' l-HEIs fil-pajjiżi terzi.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Kif qal fl-opinjoni tiegħu dwar il-programm Erasmus Mundus (2004-2008) ⁽²⁾, il-Kumitat jilqa' d-deċiżjoni proposta tal-Parlament u tal-Kunsill, flimkien ma' l-inizjattivi li ġew u qegħdin jiġu adottati biex tittejjeb il-kwalità ta' l-edukazzjoni fl-Unjoni Ewropea u jkattu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, skond l-Artikolu 140 tat-Trattat tal-KE.

3.2 Dak iż-żmien, il-Kumitat wera "l-appoġġ tiegħu għall-adozzjoni ta' inizjattivi speċifiċi li ser iwittu t-triq għal-edukazzjoni ogħla ta' kwalità bbażata, inter alia, fuq il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, billi jaħdmu flimkien ma' l-aħjar universitajiet u jiġbdu skulari magħr-rufa u l-istudenti bl-aħjar kwalifiki mill-pajjiżi kkonċernati. Din is-sinerġija ta' benefiċċju reċiproku ser tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta'

⁽¹⁾ Ara l-opinjoni fuq inizjattiva proprja tas-26.2.2003 dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm għat-tisħiħ tal-kwalità fl-edukazzjoni ogħla u l-promozzjoni ta' fehim interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (Erasmus Mundus) (2004-2008), rapporteur: J.I. Rodriguez García-Caro (ĠU C 95, 23.4.2003).

⁽²⁾ Idem.

rabtiet aktar mill-qrib u tifrex il-pedamenti għal fehim u kooperazzjoni aħjar fil-futur bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi parteċipanti" ⁽³⁾.

3.3 Meta tqis li hawnhekk huwa involut l-istess tip ta' programm, il-KESE jtenni l-kummenti li għamel dak iż-żmien, b'bidliet żgħar imma importanti, u jżid il-kummenti li ġejjin:

3.3.1 Il-programm Erasmus Mundus jakkumpanja passi li ttieħdu biex jintlaħaq l-għan ewlieni tal-proċess ta' Bologna, li huwa mfassal biex joħloq żona Ewropea għall-edukazzjoni ogħla u r-riċerka sas-sena 2010 permezz ta' riformi li jqarrbu s-sistemi nazzjonali ta' edukazzjoni ogħla.

3.3.2 Madankollu, dan jaħbat ukoll ma' għan ieħor li jhars 'il barra, li hu l-promozzjoni ta' l-Ewropa f'għajnejn id-dinja bħala żona fejn hemm edukazzjoni ogħla u riċerka ta' kwalità. B'hekk huwa essenzjali li l-proċess ta' Bologna jkun suċċess, sabiex il-ftit universitajiet Ewropej li bħalissa jiġbdu studenti żgħażaġh minn pajjiżi terzi jiżiedu.

3.3.3 Il-Kummissjoni għarfet dan billi aċċettat il-proċess ta' Lisbona bħala parti integrali tal-politika ta' edukazzjoni u taħriġ tagħha, bl-istess status bħar-riċerka fl-Unjoni Ewropea.

3.3.4 L-oġġettiv — il-ħolqien ta' "żona Ewropea ta' edukazzjoni ogħla" — jirifletti għan ieħor, dak li jingħidu studenti u lettori minn pajjiżi terzi. Peress li dan huwa oġġettiv importanti u anki essenzjali biex tittejjeb il-pożizzjoni ta' l-Ewropa fid-dinja, il-KESE javża lil dawk kkonċernati għal darba oħra bil-ħtieġa li jittnaqqas it-telf ta' mħuħ kapaċi mill-pajjiżi li qegħdin jiżvilupaw.

3.3.5 Azzjoni numru 2 (sħubijiet ta' l-Erasmus Mundus) hija xempju tajjeb ta' dan, għax barra milli tqis il-ħtieġijiet speċifiċi ta' żvilupp tal-pajjiż/i terz/i, tippermetti mawriet limitati u għal perjodu qasir. Il-miżuri proposti għandhom, fil-fehma tal-Kumitat, jippermettu lill-għalliema kif ukoll lill-istudenti minn pajjiżi terzi li jgawdu minn perijodu siewi jgħallmu u jistudjaw f'universitajiet Ewropej, imma r-ritorn ta' dawk kkonċernati lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom għandu jittejjeb bil-qawwa, biex b'hekk ikunu jistgħu jagħtu sehemhom fl-iżvilupp sostenibbli u l-koeżjoni soċjali f'pajjiżhom u, fl-istess ħin, ixandru l-kwalità għolja ta' l-universitajiet tagħna ma' pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea.

3.3.6 Ir-riskju li t-telf ta' l-imħuħ kapaċi jsir aktar mgħaġġel preċiżament f'dawk il-pajjiżi fejn hemm bżonn, speċjalment minħabba nuqqas ta' opportunitajiet fis-suq jew sempliċiment ta' kundizzjonijiet xierqa biex titkompla l-ħidma xjentifika — jista' wkoll jintrebaħ permezz ta' l-iżvilupp ta' gradi ta' Masters u programmi ta' dottorati f'dawk il-pajjiżi terzi, inklużi korsijiet u apprendistati f'pajjiżi Ewropej għal perijodi qosra biżżejjed biex l-istudenti ma jħossuhomx maqtugħin mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

⁽³⁾ Ara l-opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE tat-12.12.2007 dwar Migrazzjoni u Żvilupp: opportunitajiet u sfidi, rapporteur: Sukhdev Sharma (CESE 1713/2007 — REX/236).

3.3.7 Dan ir-riskju jista' wkoll jitnaqqas permezz ta' miżuri li jinvolve l-universitajiet stess, billi jinkorporaw strateġiji ta' ritorn f'kwalunkwè ftehim li jiġi ffirmat, li possibilment jinkludi anke miżuri ta' kumpens.

3.3.8 Il-programm Erasmus Mundus, li jagħmel parti minn approċċ ġenerali fil-politiki ta' l-Unjoni Ewropea u jingħaqad ma' l-istrateġija ta' Lisbona biex l-Ewropa ssir ekonomija msejsa fuq l-għarfien, li hija l-aktar ekonomija dinamika u kompetittiva fid-dinja, kemm fil-kooperazzjoni mal-pajjiżi li magħhom diġà hemm ftehim kif ukoll bħala parti minn approċċ aktar miftuħ għall-kooperazzjoni strateġika ma' pajjiżi terzi, għandu wkoll iqis il-kwistjoni tat-telf ta' mħuħ kapaċi bħala problema serja għall-iżvilupp bilanċjat fil-pajjiż li jaħdem fihom ⁽⁴⁾.

3.3.9 Huwa wkoll importanti li jiġi enfasizzat li dan il-programm għandu objettiv ieħor, dak li jippromwovi l-iskambju ta' kulturi permezz ta' edukazzjoni ta' kwalità aħjar u riġorozità xjentifika ⁽⁵⁾. Għalhekk dan il-programm ma għandux iservi ta' pretest biex tiġi introdotta perspettiva kummerċjali fl-edukazzjoni ogħla, imma minflok għandu jħeġġeġ edukazzjoni ta' kwalità għolja, riċerka indipendenti, rispett għal-libertà akkademika u, kif maħsub fil-proposta, jgħin biex tissaħħaħ il-għieda kontra kull forma ta' esklużjoni soċjali.

3.4 Fl-aħħar, fuq l-istess linja tal-proċess ta' Bologna, is-sistema ta' evalwazzjoni interna u esterna għall-universitajiet jeh-tieġ li tissegjes fuq il-kriterji li jqsu s-sitwazzjoni akkademika attwali u jkunu ta' inċentiv biex jintlaħqu livelli għolja ta' eċċellenza — *sine qua non* jekk iridu li jirnexxielhom jiġbdu studenti u lettori minn pajjiżi terzi, waqt li fl-istess ħin iżommu l-identitajiet tagħhom.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Aspett ewlieni tal-programm Erasmus Mundus għandu x'jaqsam mal-mobilità ta' l-istudenti u l-lettori. L-esperjenza ta' Bologna wriet li aktar ingħatat attenzjoni lill-mobilità ta' l-istudenti milli dik tal-lettori, minkejja l-fatt li l-importanza tal-mobilità tal-lettori biex tiggarantixxi s-suċċess ta' l-istrateġija ta' Bologna ġiet enfasizzata f'bosta dikjarazzjonijiet. Il-Kunsill ta' l-Ewropa wkoll sostna dan fl-2006, meta qal li l-istrateġija ma kinitx kompluta u konsistenti.

4.1.1 B'dan li ssemma hawn fuq bħala eżempju, huwa importanti li l-Erasmus Mundus jikkonstitwixxi fattur propizju għal din il-mobilità tal-lettori, u, kif imfisser f'wieħed mis-sitt objettivi tal-proċess ta' Bologna f'dak li għandu x'jaqsam ma' lettori u riċerkaturi, huwa wkoll importanti li jingħelbu l-ostrakoli li jwaqqfu l-mobilità effettiva tal-lettori, b'attenzjoni partikolari għar-rikonoxximent u l-iżvilupp tal-ħiliet u l-għarfien espert li ħarġu mir-riċerka, it-tagħlim u t-taħriġ matul in-nuqqas tal-lettur mill-post tax-xogħol fejn soltu jaħdem.

4.1.2 Huwa essenzjali li jitqiesu l-aspetti varji tal-kwistjoni li ma jistgħux jiġu miċħuda:

— diskrepanzi bejn is-sistemi edukattivi fil-pajjiżi li jirċievu u jibagħtu l-lettori;

— il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti u sfruttati t-taħriġ, u l-esperjenza ta' tagħlim u riċerka, ta' dawk ikkonċernati.

— ir-rikonoxximent mhux biss ta' kontributi xjentifiċi imma tal-valuri soċjo-kulturali;

— skambji tal-lettori u r-riċerkaturi, li għandhom jitqiesu bħala mod kif titkattar il-kultura u l-edukazzjoni u mhux biss bħala mod kif tagħżel l-aktar lettori, studenti u riċerkaturi kwalifikati minn pajjiżi terzi, bħallikieku kienu "immigranti kwalifikati".

4.1.3 F'dan il-kuntest partikolari, iridu jsiru sforzi biex jiżguraw li l-iskambju tal-lettori huwa fattur ta' ġid għall-pajjiżi li jirċievu u jibagħtu l-lettori, għall-istudenti u wkoll għall-universitajiet stess. Mezz wieħed ta' kif tħeġġeġ it-tip ta' skambju intellettuali li jagħmel ġid kemm lill-pajjiżi li jibagħtu l-akkademiċi u l-istudenti tagħhom u dawk li jirċevuhom jista' jkun dak li jagħmilha possibli għal nies minn pajjiżi terzi li jiskbu kwalifiki u għarfien permezz ta' żjajjar ta' studju fl-Ewropa. Mill-forom differenti ta' skambju, iż-żjajjar u l-mawriet qosra, il-leave sabba-tiku u l-programmi speċifiċi ta' riċerka huma dawk l-iżjed magħrufa, imma xorta għad jifdal firxa wiesgħa ta' għażliet oħra f'dan il-qasam.

4.2 Il-Kommunikazzjoni ssemmi xi aspetti li l-KESE jappoġġja bis-siħh u li, minħabba l-importanza tagħhom, għandhom jiġu enfasizzati:

4.2.1 L-isfida li tintlaħaq id-diversità lingwistika fl-Ewropa, sfida li tqum minn din il-kwistjoni kollha, għandha titqies bħala opportunità miżjuda minn dawk li jagħżlu l-Ewropa bħala destinazzjoni: Li tagħraf li lingwa partikolari qiegħda fil-proċess li ssir il-"lingwa tax-xjenza" ma jfissirx li ma tagħtix kas il-valur li t-tagħlim ta' lingwi oħra għandu għall-edukazzjoni u r-riċerka f'dinja globalizzata; dan it-tagħlim jiżgura rikkezza lingwistika u aktar opportunitajiet għal kulħadd, inklużi dawk iċ-ċittadini u residenti ta' l-Unjoni Ewropea li jitekellmu biss f'islen pajjiżhom.

4.2.2 Ir-regoli kumplikati tal-migrazzjoni li qegħdin jinbidlu kontinwament (u jsiru dejjem aktar inflessibli) jinvolve problema oħra li għandha titqies fejn jidħlu akkademiki u studenti minn pajjiżi terzi. Dan ma jista' u ma' għandu bl-ebda mod jiġ-ġustifika l-impediment tal-mobilità ta' lettori, riċerkaturi u studenti. B'mod partikolari, ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-ħruġ ta' viżi għal studenti u għalliema involuti f'dan it-tip ta' programm għandha tiġi ffinalizzata.

4.2.3 Erasmus Mundus irid ukoll jilħaq objettiv ieħor minn dawk proposti: għandu jkun strument biex jiġġieled kull forma ta' esklużjoni, inkluż ir-razziżmu u l-ksenofobija, u għandu jgħin biex ineħħi l-inugwaljanzi bejn l-irġiel u n-nisa.

⁽⁴⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE tal-25.10.2007 dwar *L-immigrazzjoni fl-UE u l-politika ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp*, rapporteur: L.M. Pariza Castaños (ĠU C 44, 16.2.2008).

⁽⁵⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE ta' l-20.4.2006 dwar *il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea tad-Djaloga Interkulturali (2008)*, rapporteur: Agnes Cser (ĠU C 185, 8.8.2006).

4.3 Ir-riżultati ta' studju li sar mill-Assoċjazzjoni ta' Koooperazzjoni Akkademika bejn l-2004 u l-2005 fuq it-talba tal-Kommissjoni jenfasizzaw il-ħtieġa li tiġi definita strateġija Ewropea

biex tistabbilixxi żona Ewropea ta' edukazzjoni ogħla, li tikkontradixxi l-idea li fl-Ewropa, huma l-universitajiet fl-aktar pajjiżi żviluppatti jew li jħaddnu l-aktar tradizzjonijiet universitarji illustri li jistgħu joffru kwalità.

4.3.1 Din l-istrateġija issejset fuq il-ħtieġa (diġà fformalizzata fil-programm Erasmus Mundus attwali) li s-sħubijiet isiru bejn mill-inqas 3 universitajiet minn mill-inqas 3 pajjiżi biex jikkwalifikaw għall-iskema. Il-programm 2009-2013 jsegwi dan ir-rekwiżit, li miegħu l-KESE jaqbel kompletament ⁽⁶⁾.

4.3.2 Madankollu, hemm elementi oħrajn li huma kruċjali biex tittejjeb il-ħila ta' l-universitajiet Ewropej biex jiġbdu l-istudenti, li għandhom x'jaqsmu mal-prestiġju internazzjonali tagħhom, il-kwalità ta' l-entitajiet tat-tagħlim, l-ispiża ta' l-istudji, il-valur tal-boroż ta' studju mogħtija, il-prestiġju tal-grad, l-opportunitajiet ta' xogħol sussegwenti, dak li jafu n-nies f'pajjiżi terzi dwar l-universitajiet differenti fil-pajjiżi ta' l-UE, u wkoll l-għoli tal-ħajja u kemm hu faċli jew diffiċli tiksev viża. Il-kunsidrazzjoni ta' dawn il-fatturi kollha, partikolarment l-għoli tal-ħajja u l-miżati tal-kulleġġ, għandhom ikunu deċiżivi meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-għotja ta' boroż ta' studju.

4.3.3 B'hekk din il-fażi ġdida fil-programm Erasmus Mundus għandha tippreżenta opportunità biex jiġu diskussi ma' rappreżentanti, lettori u studenti universitarji l-miżuri li jistgħu jkunu ta' għajjnuna biex ixandru l-merti ta' universitajiet oħra f'pajjiżi oħra ta' l-UE, bil-ħsieb li tiżdied id-domanda minn studenti u lettori minn pajjiżi terzi.

4.3.4 Mod kif jinkiseb dan hu li, fuq l-eżempju tal-proċess ta' Bolonja, jittejjeb il-profil taż-Żona Universitarja Ewropea in ġenerali fis-sorsi ta' informazzjoni li attwalment jiġu kkonsultati minn daww bl-intenzjoni li jistudjaw barra minn pajjiżhom (l-internet, is-siti elettroniċi, ir-rappreżentazzjonijiet ta' l-UE).

4.3.5 B'hekk jista' jkun possibbli, permezz ta' kooperazzjoni istituzzjonali mill-qrib bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet universitarji, i) li jinholq portal universitarju Ewropew ippreparat sew, aġġornat dejjem, aċċessat faċilment, b'kontenut attraenti u ppubbliċizzat sewwa, u li jipprovdi aċċess għall-portals ta' bosta universitajiet Ewropej u ii) li jinħolqu dipartimenti fir-rappreżentanzi ta' l-UE speċifikament immirati biex jipprovdu informazzjoni dwar iż-Żona Universitarja Ewropea.

4.4 Element essenzjali għall-ħila taż-Żona Universitarja Ewropea li tiġbed studenti u lettori huwa l-preżenza ta' entità ta' għal-

liema ferm kwalifikata, imħallsa tajjeb u rikonoxxuta professjonalment.

4.5 Il-KESE itenni t-twelmin sod li l-programm Erasmus Mundus joffri opportunità eċċellenti biex jidentifika l-aktar studenti żgħażaġh, għalliema u rikerkaturi promettenti mill-pajjiżi terzi, li fiż-żgur ikunu ta' valur kbir għall-iżvilupp ta' l-Ewropa stess. Madankollu, iħoss li jrid jenfasizza li ħafna gradwati Ewropej żgħażaġh jiltaqgħu ma' diffikultajiet serji biex isibu xogħol diċenti u adattat fil-pajjiżi tagħhom. Aktar milli osservazzjoni dwar il-programm Erasmus, din għandha titqies aktar bħala sejħa biex jinfetħa dibattitu dwar dik il-kwistjoni partikolari.

4.6 Huwa importanti li jiġi enfasizzat li, f'ħafna pajjiżi li qegħdin jżviluppaw, l-universitajiet pubbliċi biss għandhom il-ħila li jiddemokratizzaw l-edukazzjoni ogħla, u jneħħu d-diskriminazzjoni u n-nuqqas ta' ugwaljanza (wieħed mill-oġettivi ddikkjarati tal-programm Erasmus Mundus). Għal dan il-għan, u minkejja l-fatt li l-programm ma għandu jagħmel l-ebda distinzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati, għandu f'kwalunkwè każ jgħin biex jikkonsolida u jsaħħaħ l-universitajiet pubbliċi fil-pajjiżi terzi, billi jgħinhom jilhq u l-miri tagħhom biex jipproduċu edukazzjoni u rikerka ta' kwalità għolja, b'libertà akkademika.

4.7 Fl-Artikolu 5 f) tat-test tal-proposta, ikun utli li tiġi inkluzja referenza għall-imsieħba tad-djalogu soċjali (ħaddiema u rappreżentanti tal-ħaddiema), peress li l-imsieħba soċjali jafu x'qed jiġri fil-prattika, u wkoll il-ħiliet u l-kwalifi li jeħtieġ is-suq tax-xogħol. Il-bżonnijiet għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiżi terzi wkoll għandu jitqies fl-ippjanar tal-kontenut tal-grad tal-masters u tad-dottorati.

4.8 Fl-Anness għad-Deċiżjoni 2317/2003 li jstabbilixxi l-programm Erasmus Mundus attwali, inċiż b) jgħid li l-"miżuri ta' proċeduri ser jipprovdu għal mekkaniżmu ta' approvazzjoni fil-livell Ewropew, sabiex jevitaw żbilanċi serji fl-oqsma ta' studju u r-reġjuni ta' provenjenza u l-Istat Membru fejn ikunu sejrjn l-istudenti u l-iskulari". Din ir-referenza tħalliet barra mill-anness għall-proposta għall-programm Erasmus Mundus il-ġdid. Jekk waħda mill-prijoritajiet tal-programm hi li jtejjeb il-profil ta' l-universitajiet Ewropej u jiżgura s-sehem tagħhom fil-programm, il-Kumitat iħoss li l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju fis-selezzjoni hija prijorità, sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn l-appoġġ mill-programm imur għall-istess Stati Membri u l-istess universitajiet.

Brussell, it-12 ta' Marzu 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽⁶⁾ Skond l-informazzjoni ppubblikata mill-Kummissjoni, s'issa aktar minn 350 università minn kważi kull pajjiż ta' l-UE kienu nvoluti fil-programm Erasmus Mundus, b'universitajiet minn 12 mis-27 Stat Membru li ġarrew ir-responsabbiltà li jikkoordinaw l-iskemi. L-informazzjoni turi wkoll li ħafna minn dawn l-iskemi involvew sħubijiet ma' aktar minn 4 universitajiet minn pajjiżi differenti.